StudentBounty.com

## A Immarka b'sinjal ✓ it-tweġiba t-tajba.

**1. F'liema żmien tas-sena l-kok tal-kunvent ħassu ma jiflaħx?**

a) Fi żmien il-Milied. ________

b) Fi żmien il-karnival. ________

ċ) Fi żmien l-Għid. ________

**2. Il-Pirjol kif induna li Fra Mudest ma ħax gost li kellu jsajjar?**

a) Għax għamel in-nervi. ________

b) Għax qarras wiċċu. ________

ċ) Għax beda jibki. ________

**3. X'kien jismu l-kok?**

a) Spiru ________

b) Ġanni ________

ċ) Dovik ________

**4. Spiru kellu difett li ssibu f'ħafna xjuħ;**

a) ma tantx kien jisma'. ________

b) kien jitkellem bl-imgħawweġ. ________

ċ) ma tantx kien jara. ________



www.StudentBounty.com

**5. Il-Pirjol xtaq li Spiru**

a) jnittiflu s-serduq. ________

b) jifrixlu s-sodda. ________

ċ) jnaddaflu s-senduq. ________

**6. Kif tagħmel biex issajjar serduq? Semmihom wara xulxin.**

a) Toqtlu, tnittfu, tħejjih għat-tisjir. ________

b) Tnittfu, toqtlu, tħejjih għat-tisjir. ________

ċ) Tħejjih għat-tisjir, tnittfu, toqtlu. ________

**7. Il-Pirjol tgħidx kemm għoġbitu**

a) l-ikla ta' fil-għodu. ________

b) l-ikla ta' nofsinhar. ________

ċ) l-ikla ta' fil-għaxija. ________

**8. Xi ġralu l-Pirjol meta sar jaf li Spiru kien qatillu s-serduq tiegħu?**

a) Baqa' skantat. ________

b) Infexx jibki. ________

ċ) Ħassu ħażin. ________



www.StudentBounty.com

**9.** **a)** Flok *jeħtieġ* nista' ngħid _________________________. (par. 1)

**b)** Flok *intebaħ* nista' ngħid _________________________. (par. 1)

**10.** **Liema minn dawn hija tajra?**

a) fenek ________

b) dundjan ________

ċ) naħla ________

**11.** **Agħmel is-sinjal ✓ ħdejn ir-risposta t-tajba biex turi jek is-sentenza hix veru jew le.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| a) | Pirjol huwa s-superjur tal-kunvent. | __________ | __________ |
| b) | Senduq huwa siġġu tal-injam. | __________ | __________ |
| ċ) | Patri Samwel kien jieħu ħsieb it-tjur. | __________ | __________ |
| d) | Tnittef jiġifieri tneħħi r-rix. | __________ | __________ |



www.StudentBounty.com

EŻA[...] Kulleġġ Santa Tereża 2010
MALT PARVA PARVORUM PULCHRA SENA

**KARTA TAL-GĦALLIEMA**

**GWIDA GĦAT-TMEXXIJA TAL-EŻAMI TAL-FEHEM MIS-SMIGĦ.**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

L-Għalliem/a j/tgħid lit-tfal:

1. Li ser tinqara l-istorja *Is-Serduq tal-Pirjol*.
   Li għandhom jisimgħu b'attanzjoni waqt dan l-ewwel qari.
   Li ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan l-ewwel qari. *3 minuti*

2. Biex jaqraw il-mistoqsijiet waqt li l-għalliem/a j/taqrahomlhom għal darba. *3 minuti*

3. Biex jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test.
   Biex ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. *3 minuti*

4. Li għandhom iwieġbu billi jimmarkaw b'sinjal ✓ it-tweġiba t-tajba.
   Li għandhom jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. *5 minuti*

5. Li ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.
   Li waqt dan it-tielet qari jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra. *3 minuti*

6. Biex jiċċekkjaw it-tweġibiet.
   Biex ikomplu dawk li m'għamlux.
   Li għandhom ikunu ċerti li mmarkaw waħda biss bħala tweġiba. *3 minuti*

## Is-Serduq tal-Pirjol

5

www.StudentBounty.com

Għodwa waħda, għall-ħabta ta' l-Għid, il-kok ħassu ma jiflaħx u talab lill-Pirjol biex imur jistrieħ xi jumejn id-dar. Il-pirjol ma qallux le, u b'hekk il-kunvent sab ruħu bla kok. Il-Pirjol sejjaħ lil Fra Mudest u qallu li sakemm il-kok jerġa' lura għax-xogħol kien jeħtieġ li xi ħadd joqgħod minn floku. Mudest qarras wiċċu u l-Pirjol mill-ewwel intebaħ li Fra ma tantx kien ħa pjaċir b'dak li kien għadu kif qallu. Għalhekk qallu li jekk kellu l-ħila jsib lil xi ħadd jagħmilha ta' kok minflok Ġanni, hu ma kienx ikollu għalfejn iħabbel rasu għal tisjir.

"Hekk aħjar!" wieġbu ferħan il-Fra, u telaq jiġri minn quddiemu ħalli jara jmurx u jsib lil xi ħadd ħa jieħu ħsieb l-ikel tal-kunvent. Tħabat minn hawn tħabat minn hemm, fl-aħħar irnexxielu jsib lil xi ħadd li kien ser jeħodlu postu fil-kċina. Dan kien wieħed mix-xjuħ tar-raħal, ħabib kbir ta' Fra Mudest u li ġieh bi pjaċir. Iżda dan l-imbierek ta' Spiru, għax hekk kien jismu dan ix-xiħ, kellu difett li tista' tgħid issibu xi ftit jew wisq fix-xjuħ kollha. Kien daqsxejn trux u xi kultant kien jifhem ħażin.

Fra Mudest ħa lil Spiru fil-kċina u wrieh fejn kien hemm l-affarijiet tat-tisjir. Wara mar jgħid lill-Pirjol li kien sab lil min iħejji l-ikel minn floku. "M'hawnx għalik, Fra," beda jfaħħru l-Pirjol. "Issa ara x'tagħmel. Għid lil dan Spiru biex, kif ikun jista', jagħti tindifa lil dak is-senduq li għandi fil-kamra tiegħi għax mimli trab. Wara ejja 'l hawn ħa nibagħtek b'qadja." Fra Mudest niżel fil-kċina u minn fejn il-bieb qal lil Spiru: "Spir, qallek il-Pirjol, kif tkun tista' naddaflu s-senduq li għandu fil-kamra tiegħu." U telaq.

Spiru wieġbu li kollox sew, iżda ma kienx kollox sew għax Spiru kien fehem ħażin. Flok '*naddaflu s-senduq'* kien fehem '*nittiflu s-serduq'*. Spiru ħaseb li dan kien għall-ikel u għalhekk mar fil-gallinar u staqsa lil Patri Dovik, li kien jieħu ħsieb it-tjur, liema kien is-serduq tal-Pirjol. Dak urieh liema kien u Spiru ħadu fil-kċina. Hemmhekk qatlu, nitfu, u ħejjieh għat-tisjir.

Mela waslet l-ikla ta' nofsinhar il-Pirjol stagħġeb mhux ftit meta ra quddiemu ftit laħam tas-serduq. Tgħidx kemm kiel bil-qalb u kemm dam ifaħħar lil Fra Mudest u lil Spiru. "Imma għidli ħaġa, Spir, dan is-serduq minn fejn ġibtu?" "Heq, ara, mhux tiegħek?" wieġbu skantat Spiru. "Fra Mudest qalli biex innittiflek is-serduq, u hekk għamilt." Il-Pirjol ma felaħx jitkellem. Intelaq lura fuq is-siġġu u wara ftit instama' ħoss. Kien ħassu ħażin.

***Charles Casha***



www.StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża
PARVA PARVORUM PULCHRA

EŻA[...] 2010

**SKEMA TA' MARKI**

**MALTI FTEHIM MIS-SMIGĦ – IL-ĦAMES SENA**

**Kull risposta tiswa _marka waħda_. Jekk tiġi mmarkata aktar minn risposta waħda, is-sentenza tkun ħażina.**

1. ċ) Fi żmien l-Għid.
2. b) Għax qarras wiċċu.
3. b) Ġanni
4. a) ma tantx kien jisma'.
5. a) jnaddaflu s-senduq.
6. a) Toqtlu, tnittfu, tħejjih għat-tisjir.
7. b) l-ikla ta' nofsinhar.
8. ċ) Ħassu ħażin.
9. a) Flok *jeħtieġ* nista' ngħid _hemm bżonn_.
   b) Flok *intebaħ* nista' ngħid _induna_.
10. b) dundjan
11. a) Veru
   b) Falz
   ċ) Falz
   d) Veru



www.StudentBounty.com

Karta tal-għalliem/a

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 3 minn 4
Karta tal-għalliem/a

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 4 minn 4
Karta tal-għalliem/a

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 1 minn 4
Karta tat-tfal

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 2 minn 4
Karta tat-tfal

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 3 minn 4
Karta tat-tfal

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 4 minn 4
Karta tat-tfal

Malti (Ftehim mis-Smigħ) – Il-Ħames Sena | Paġna 1 minn 1
Skema ta' marki



www.StudentBounty.com